Minuti tal-laqgħa numru tnejn u għoxrin tas-sitt Kunsill Lokali Fgura li nżammet illum it-Tlieta 4 ta' Mejju 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fgura. Il-laqgħa bdiet fis-6.39pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | Chev. D. Marmara' KLJ |
| **Viċi Sindku** | Is-Sur A. Degiovanni |
| **Kunsillieri:** | Is-Sur S. Camilleri |
| | Is-Sur P. Dalli |
| | Is-Sur B. Camilleri |
| | Is-Sinjura R. Cutajar |
| | Is-Sur A. Debono |
| | Is-Sur M. Lombardo |
| | Is-Sur C. Bonello – 6.41p.m. |
| **Segretarju:** | Is-Sur A. Grima |

Is-Sindku qal it-talba fil-bidu tal-laqgħa.

## 1.0 One Stop Shop – Uffiċċju Amministrattiv

1.01 Fil-bidu tad-diskussjoni, is-Sur S Camilleri ppropona li din il-materja tkun rimandata sakemm il-Kunsill jirċievi risposta dwar talba li kien għamel l-istess Kunsill marbuta mal-proġett tal-bini tal-uffiċċju amministrattiv. Huwa nforma wkoll li l-permess għall-iżvilupp tal-uffiċċju amministrattiv kien ingħata llum mill-MEPA. Is-Sindku nforma li l-iskop ta' din il-laqgħa kienet sabiex issir diskussjoni dwar il-materja msemmija. Saret diskussjoni vis-a-vis dak li kien qed jipproponi s-Sur S Camilleri.

Is-Sur C Bonello daħal fil-kamra – 6.41p.m.

1.02 Is-Sur S Camilleri ressaq mozzjoni ref: 2711/10/6 "Biex dan il-Kunsill jirrimanda litem fil-Agenda dwar il-one stop shop għall seduta oħra". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku. Tkompliet id-diskussjoni. Is-Sur C Bonello ressaq dikjarazzjoni li qed tkun annessa bħala Dok'A'. Ittieħed vot.

Favur – Viċi Sindku, Is-Sur S Camilleri, Is-Sur B Camilleri, Is-Sinjura R Cutajar, Is-Sur P Dalli.

Mayor, vice-mayor, councillors, sect & CL staff

Kontra – Sindku, Is-Sur C Bonello, Is-Sur M Lombardo, Is-Sur A Debono.

Is-Sindku talab sabiex jitniżżlu l-ismijiet. Il-mozzjoni ref: 2711/10/6 kienet approvata b'ħames voti favur u erba' voti kontra.

Is-Sindku ressaq dikjarazzjoni li qed tkun annessa bħala Dok'B'.

## 2.0 Jiem Maltin – Festival tar-raħħala

2.01 Fil-bidu tad-diskussjoni, is-Sur C Bonello għamel referenza għal materja diskussa fl-aħħar laqgħa. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li din il-materja ma kenitx fl-Aġenda. Is-Sindku nforma lis-Sur C Bonello li l-materja ma setgħetx tersaq f'dan l-istadju u talbu sabiex iżomm mal-materja riferuta fl-Aġenda.

2.02 Is-Sur C Bonello ippropona lill-Kunsill sabiex din l-attivita' tkun abbinata mal-attivitajiet ta' Jum il-Fgura minħabba attivitajiet oħra li kienu ser ikunu qed isiru f'lokalitajiet oħra fil-5 ta' Ġunju 2010. Filwaqt li saret diskussjoni dwar din il-proposta saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li setgħu jiġu organizzati bħala parti minn din l-attivita'. Wara s-Sur C Bonello ressaq mozzjoni ref: 2712/10/6 "Sabiex il-Festival "JIEM MALTIN" isir fil-31 t'Ottubru 2010 minflok fil-5 ta' Ġunju. Il-festival jibda għal ħabta ta' 11.00am u jispiċċa fil-5.00pm. Għandu jiġi notifikat id-DGL, il-kuntrattur responsabbli u dawk kollha kkonċernati". Din kienet sekondata mis-Sindku. Il-mozzjoni ref: 2712/10/6 kienet approvata nem con.

## 3.0 Aġġornament

3.01 Il-laqgħa ntemmet fis-7.41pm u kienet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Mejju 2010 fis-7.30pm.

Sindku

Segretarju

Dok 'A'

# Dikjarazzjoni

Aħna l-kunsilliera Mark Lombardo, Alfred Debono u Charles Bonello ser nivvutaw kontra l-mozzjoni mressqa mis-Sur Saviour Camilleri peress li ma tat ebda raguni valida tal-miklits ghal dan il-posponiment.

Received 4/5/10

DOK 'B'

# Dikjarazzjoni

Permezz ta' din id-dikjarazzjoni nfisser li jien ivvutajt kontra din il-mozzjoni għax inħoss li din il-laqgħa li ssejħet apposta biex issir diskussjoni dwar il-materja ta' 'One Stop Shop' kellha issir u mhux jintilef il-ħin.

Dan wara li spjegajt lill-kunsilliera preżenti li din il-laqgħa kellha sservi biss ta' diskussjoni u l-ebda mozzjoni ma kellha titressaq. Kien ikun iktar għaqli li r-raġunament tal-mozzjoni kien jitressaq fil-laqgħa preċedenti qabel ma ssejħet din il-laqgħa apposta.

Jien ivvutajt kontra fl-interess taċ-ċittadini fgurin u tal-lokalità għal ġid komuni, il-laqgħat minn raġunijiet partiġġjani. Din id-deċiżjoni hija waħda personali.

Sindku

4/5/10